**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

**29 ta' Frar 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2023 fl-4:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 67 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **67.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **67.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 67.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 66, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sinj Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **67.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 67.03.01 | Is-Sindku iddiskuta lil membri tal-kunsill dwar il-laqgħa li saret mal-fondazzjoni kottonera fejn ic-chairperson is-sur Joe Mizzi preżenta lil kull min kien preżenti il-liġi dwar l-istatut tal-fondazzjoni. Is-sindku is-Sur Clive Pulis għandu jibgħat kopja lil Sinj. Joline Attard u lis-Sur Malcolm Gatt. Il-Kunsill għandu jibgħat l-ilmenti jew suġġerimenti tiegħu permezz tal-kunsill u mhux individwalment. Il-membri tal-kunsill għandhom jifthemu bħala kunsill u minn hemm ikunu jisttgħu jibgħatu l-ilmenti jew is-suġġerimenti tagħhom. |
| 67.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mal-BCRS biex jaraw x'jistgħu jsir biex ir-residenti jkunu konxji aktar tal-ambjent. Ħareġ il-punt li għandħa issir tabella fejn ikun hemm miktub li l-pubbliku għandu jirrispeta l-ambjent kif ukoll ir-residenti. Id-diretturi tal-BCRS għandhom jibgħatu rendikont ta' kem qed tintuża l-magna li minn Sett 2023 sa Frar 2024 intefgħu 160,000 fliexkun tal-plastic u landa. |
| 67.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-viċi s-segretarju tal-Boċċi Club is-Sur Chris Formosa talab approvazzjoni sabiex issir tabella tal-isem tal-klabb mal-kantuniera tal-bieb tal-boċċi club jiġifieri minn naħa ta' Triq il-Vitorja. Is-sindku għandu jinfurmaħ wara diskussjoni mal-membri tal-kunsill li dan għandu japplika mal-lands. |
| 67.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera li kien hemm nomina waħda għall Jum il-mara li din hija is-Superjura tal-Mużew is-Snj. Marianne Briffa. Il-Kunsilliera preżenti approvaw din in-nomina. |
| 67.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-sinku u l-kunsilliera preżenti li sar l-awditjar għas-sena 2023 u s-segretarju eżekuttiv flimkien mal-istaff |

| | |
|---|---|
| | amministrattiv preżentaw dak kollu li intalab mill-awdituri u b'hekk ir-Rapport Annwali u *financial statements* għas-sena 2023 ġew iffinalizzati u magħluqa. |
| 67.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-sindku u l-kunsilliera preżenti f'hix wasal il-proġett ta' Promoting Social Inclusion iffinanzjat mill-fondi għan-Norveġja, fejn spjegat li għaddejien is-sezzjonijiet tal-V R fejn ser jitkomplu wara l-festi tal-Għid peress li ser ikun hemm il-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa. Ser issiru żewġ sezzjonijiet tal-Mediċina Ċiniża u ser jintbgħatu l-aħħar kwotazjonijiet għall konferneza finali għall-21 ta' Marzu għal dan il-programm. Is-Segretarju qed tiġbor kwotazzjonijiet dwar il-post fejn ser issir il-konferenza, l-audio-visual, l-catering u l-kwotazzjoni għall-motorised screen u l-projector. |
| 67.03.07 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li l-kunsill irċieva l-approvazzjoni sabiex il-kunsill tal-Isla jiffirma l-ġemelaġġ ma Vicovaro u għalhekk is-sindku, l-viċi sindku, l-kunsilliera u segretarju eżekuttiv ġew mistiedna sabiex iżuru Vicovoro u jiffirmaw dan il-ġemelaġġ bejn 6 u 8 t'April 2024. |
| 67.03.08 | Is-sindku informa lil-kunsilliera preżenti sabiex jinxtraw kotba għall-premjazzjoni fit-30 ta' Mejju 2024 għall-iskola Primarja Santa Margerita. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament. |
| 67.03.09 | Is-Sindku informa lil-kunsill li ser issiru arbli quddiem il-knisja tal-Vitorja u ser issir bħal dawk ta' Pjazza George Mittrovich. Minn taħt l-art ser jgħaddu is-servizzi kollha tat-telefown, dawl u ilma. Is-Sindku informa lil kunsilliera sabiex issiru bollards fi Triq il-Vitorja il-fuq minn fejn il-mużew tas-subien għaliex qed jipparkjaw fuq il-bankina u qed jimlewhom kollha żejt tal-karozzi fuq bankini ġodda u qed ikissru l-kaptelli wkoll. Il-Kunsilliera qablu ma dawn il-bollards. |
| 67.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar responsablli mill-proġett tal-Malta Waste Reduction ġew mistiedna għall-awards fit-13 ta' Marzu 2024. |
| 67.03.11 | Is-Sindku informa il-kunsilliera li waqt il-laqgħa tar-Reġjun Port ġie diskuss li l-lokalitajiet tar-Reġjun Port għandhom jiġbru informazzjoni fuq postijiet storiċi, restawr, tisbieħ u proġetti ambjentali u jsir rapport u diskussjonijiet mar-residenti dwar problemi soċjali. |
| 67.03.12 | Is-Sindku iltaqa' mas-Snj. Nathalie Grima fejn ħadet intervista għad-dottorat fil-qasam tal-ġeneru u familji bi dħul baxx: ir-riċeerka għat-teżi tagħha jisimha : Reżiljenza u kapital Soċjali mill-perspettiva tal-ġeneru : Studju komparattiv bejn familji Maltin u Sirjani f' Malta li għandhom |

| | |
|---|---|
| | dħul baxx. Is-Snj Nathalie Grima ser tagħmel intervista lil librara ukoll lis-Snj Graziella Gellel. |
| 67.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti sabiex issir t-talba għall-programm tal-Ħġejjeġ u din is-sena il-kunsill iqabbad persuna responsabli għall-programm kollu sabiex jieħu ħsieb l-attivita' mill-bidu sal-aħħar. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament dwar il-programm tal-Ħġejjeġ għal-din is-sena 2024. |
| 67.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fit-30 ta' Mejju 2024 talaq l-espressjoni ta' interess għall-ġonna pubbliċi SPI/SCI/01/2024. |
| 67.03.15 | Is-Sinkdu is-Sur Clive Pulis u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-laqgħa mal-Onor. Glenn Bedingfield fl-uffiċċini tal-Cleansing mas-Sur Ramon Deguara fejn il-kunsill tal-Isla ser jingħataw sweeper eletronika. Din għanda tinnżamm ġewwa post sigur u jekk tkun qed tinżamm fil-mikxuf għandha titgħatta b'cover. Is-Sindku infurma li ser iqabbad lis-Sur Michael Azzopardi tal-Community Workers Scheme sabiex jibda juża din l-isweeper fi Triq il-Vitorja, Triq iż-Żewġ Mini u x-xatt. Is-Sur Ramon Deguara propona li l-kunsill tal-Isla jgħaddi l-allokazzjoni tal-kenniesa lil Cleansing Department u jibda jieħu ħsieb il-cleansing department bħal tindif ta' knies tat-toroq u jibgħat il-kenniesa mill-cleansing department mit-Tnejn sas-Sibt. Il-Kunsilliera preżenti ma qablux ma din il-proposta u jixtiequ li l-Kunsill tal-Isla jibqa' jamministra l-kuntratt tal-knies. |
| **67.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 67.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk tistax issir mera fil-kantuiera fejn hemm i l-parkeġġ int u ħiereġ minn Pjazza George Mittrovich għall-barra mill-Isla għaliex jekk ikun hemm vann ipparkjat ma tarax min ikun ġej minn Triq il-Vitorja.<br><br>Is-Sindku informa lil viċi sindku li ser ikellem lil tal-GHRC u lit-TM sabiex issir din il-mera.<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi jekk tistax issir tabella li hemm Blue Badge fit-triq u jekk tistax issir zebra crossing quddiem il-knisja tal-Vitorja fil-Pjazza. |

| | |
|---|---|
| **67.5** | **Rapporti** |
| 67.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Jannar 2024 u l-petty cash ta' Jannar 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| 67.05.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet *l-Annual Report and Financial Statements fo the year ended 31 December 2023* fejn ġie approvat mil-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondat mil-kunsilliera is-Snj. Corinne Buhagiar. |
| **67.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 67.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 2/2024 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **67.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 64.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-6:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2024 fit-3:00p.m. |

Konfermati, illum _26 ta' Marzu 2024

| | |
|---|---|
| Clive Pulis | Graziella Gellel |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |